MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Numru 340/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Joseph Sultana**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Joseph Sultana ta' sittin (60) sena, bin Publius u Lucy neè Gatt, imwieled Floriana fit-3 ta' Marzu 1950 u residenti 2, Triq l-Isqof Mauro Caruana, Floriana, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 232250(M), talli nhar it-22 ta' Frar ghal habta tas-14.15hrs gewwa il-bini tal-Kunsill Lokali, Floriana:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq proprjeta pubblika, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal-izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) izda ma tiskorrix mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-dannu tal-Kunsill Lokali Floriana u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(cc) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. hebb kontra Emmanie Theuma u Denyse Scerri sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lilhom jew lil haddiehor u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lill-istess Emmanie Theuma u Denyse Scerri, jew jekk ipprovokat, ingurjhom b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u senjatament ic-certifikat tat-twelid ta’ l-imputat, il-fedina penali ta’ l-imputat, il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u r-rapport ma’ l-Ghassa tal-Pulizija, u semghet ix-xhieda moghtija mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech minn liema jirrizulta li d-danni kagonati mill-imputat fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali tal-Furjana ma jeccedux is-somma ta’ sittin Euro (€60);

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed

biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Rat li a tenur ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta’ l-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali ta’ l-imputat ma jirrizultawx reati ta’ natura gravi u li f’dawn l-ahhar snin il-kondotta tieghu kienet netta, li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u li ddikjara li huwa lest ihallas id-danni minnu kagonati fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali tal-Furjana.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 325, l-Artikolu 338(bb), l-Artikolu 338 (cc), l-Artikolu 339(1)(d) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda, billi fic-cirkostanzi jissussistu r-ragunijiet migjuba fl-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Qorti thoss li hemm lok li l-imputat jinghata l-libertà kondizzjonata a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mid-data ta’ din is-sentenza. A tenur ta’ l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ multa ta’ sittin Euro (€60) ekwivalenti ghall-ammont ta’ danni minnu kagonati fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali tal-Furjana.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat bi kliem car u semplici lill-imputat li jekk jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni

kondizzjonata, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

A tenur ta’ l-Artikolu 328A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna lill-imputat li kemm-il darba jaccedi fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali tal-Furjana matul iz-zmien ta’ sena mid-data ta’ din is-sentenza, huwa jzomm il-kwiet u jgib ruhu sew fil-konfront ta’ l-impjegati u ufficcjali tal-Kunsill in partikolari ta’ Emmanie Theuma u Denyse Scerri.

In fine l-Qorti tidderigi lill-imputat sabiex kif minnu dikjarat quddiemHa, ihallas id-danni kagunati lill-Kunsill Lokali tal-Furjana li skond ix-xhieda moghtija mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech ma jeccedux is-somma ta’ sittin Euro (€60).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------